# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' Settembru 2023**

**Talba nru. 211/2019**

**LUKE BONELLO (I.D. 338282 (M))**

***VERSUS***

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 t'Awwissu 2019 (a fol 1 et seq), l-attur talab l-ammont ta' elfejn u ħames mija u tnejn u sebgħin Ewro u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2572.80) rappreżentanti ħlas tal-leave li ma tteħidx waqt l-impjieg u għaldaqstant, l-hekk imsejjaħ kumpens tal-*leave*.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tad-9 t'Awwissu 2019 fejn l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bin-notifika lill-konvenut (a fol. 6).

Ra illi sussegwentament fis-16 t'Awwissu 2019 il-konvenut ġie debitament notifikat (a fol. 9).

Ra illi l-konvenut ippreżenta r-risposta tiegħu fis-26 t'Awwissu 2019 (a fol. 8).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ.

Ra illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut għamlu referenza illi l-provi miġjuba fit-talbiet 210/2019 u 211/2019 japplikaw u jagħmlu stat fiż-żewġ talbiet (a fol. 25).

Ra illi fit-30 ta´ Settembru 2021, l-attur għalaq il-provi.

Ra illi fis-6 ta´ Diċembru 2021, il-konvenut għalaq il-provi.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

1. Il-klassifikazzjoni tal-*leave* u ta´ dan it-tali kumpens

Il-kwistjoni li tqum hi meta l-ħaddiem ma jiħux dan il-*leave* u allura jkollu d-dritt għall-kumpens ta´ dan it-tali *leave* hekk mhux meħud u kif allura se jkun ikkategorizzat dan it-tali *leave* b´dan illi trid tkun iddeterminata liema preskrizzjoni ser tkun applikata.

F´dan ir-rigward, trid issir referenza għall-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Fil-każ ***Paul Aquilina v Victor Satariano noe***,[1] l-Onorabbli Qorti qieset dan l-argument fejn ikkonkludiet illi "*ma jidhirx illi tista´ tiġi applikata formula ta´ ekwivalenza bejn id-dritt għall-leave u d-dritt għal salarju*."

Biss pero´ il-Kap 452 ġie introdott l-ewwel darba f´Malta fis-sena 2002 u allura wara s-sentenza hawnhekk imsemmija. Il-leġislatur kiteb id-definizzjoni ta´ paga u kiteb espressament x´inhu dak li ma jikkwalifikaw bħala paga b´dan illi tali kumpens tal-*leave* allura għandu jkun ikkunsidrat parti mill-paga. Din it-tali definizzjoni tagħmel referenza għall-kelma qligħ b´dan illi allura kumpens tal-*leave* jaqa´ taħt id-definizzjoni ta´ paga.

Ukoll, l-Onorabbli Qorti fis-sentenza mogħtija fis-17 ta´ Settembru 2009, ikklassifikat il-kumpens tal-*leave* bħala parti mid-definizzjoni ta´ paga.[2]

2. Regoli applikabbli għal membri ta' forza dixxiplinarja

Filwaqt illi r-regoli fir-rigward tal-kumpens tal-*leave* japplika artikolu 22 (2) tal-Kap. 452, huwa minnu illi artiklu 48 tal-Kap. 452 jipprovdi wkoll illi l-"*Prim Ministru kollu s-setgħa li jippreskrivi permezz ta' regolamenti l-applikabilità ta' kull artikolu jew subartikolu tat-Titolu I u tat-Titolu II ta' dan l-Att għal servizz mal-gvern u għalmembri ta' forza dixxiplinarja.*

*(2) Il-Ministru jkollu s-setgħa li jagħmel regolamenti biexjitwettqu u jingħataw effett kull*

[1] Appell Kummerċjali, 13 ta´ Ġunju 1994

[2] Tribunal għal Talbiet Żgħar, Talba Numru 108/2007

*diżpożizzjoni ta' dan l-Att fuq kullmaterja li għandha x'taqsam ma' relazzjonijiet ta' impieg u ma'relazzjonijiet industrijali."*

Huwa minnu wkoll illi għar-rigward tal-membri ta´ forza dixxiplinarja bħal ma mhu f´dan il-każ, japplika allura l-Public Service Management Code, li għal qasir hu magħruf bħala l-PSMC, u li japplika f´dan il-kaz ukoll.

Biss pero´ l-Kummissarju tal-Pulizija ma ġab ebda prova fejn il-PSMC jipprovdi regoli differenti minn dawk ikkontemplati fl-Att prinċipali dwar il-kwistjoni tal-kumpens tal-*leave*, hekk kif allega l-konvenut.

3. <u>Il-preskrizzjoni hekk kif provduta fl-artikolu 2148 (d) tal-Kap. 16</u>

Stante illi il-kumpens tal-*leave* jaqa´ taħt il-kelma salarju, allura f´dak ir-rigward japplika artikolu 2148 (d) tal-Kap. 16, b´dan illi tali azzjoni hi preskritta stante illi l-każ seħħ fis-sena 2016 filwaqt li l-attur fetaħ din l-azzjoni fis-sena 2019 sewwasew peress illi l-attur ittermina l-impjieg tiegħu fl-20 t´Ottubru 2016 u l-azzjoni legali saret fid-9 t´Awwissu 2019. L-Onorabbli Qorti hekk kif presjeduta fis-16 ta´ Diċembru 2019[3] iddiskutit b´mod ampju il-preskrizzjoni fir-rigward tas-salarji u kumpens tal-*leave*, fejn ikkonkludiet *in poche parole* illi jekk il-perjodu preskritt huwa ċar allura ma hemm ebda applikazzjoni oħra għajr dak provdut fl-artikoli 2147 u 2148 tal-Kap. 16. Biss pero´ l-Onorabbli Qorti qalet ukoll fit-tali sentenza hawnhekk imsemmija illi f´tali dubju, dan id-dubju għandu jmur favur l-attur. F´dan il-każ in eżami, pero´, ma hemm ebda dubju fuq id-dekorrenza tal-preskrizzjoni.

Għal kull buon fini, dan it-Tribunal mhux ser jidħol fil-mertu tad-distinzjoni bejn l-artikolu 2147 u l-artikolu 2148 fir-rigward tad-definizzjoni ta´ paga stante illi f´kull każ, din l-azzjoni hi preskritta. Ukoll, qed jiġi applikat l-itwal żmien ipprovdut f´dawn iż-żewġ artikoli meta l-attur seta´ fetaħ l-azzjoni jew waqqaf il-preskrizzjoni milli tkompli tiddekorri. Dan it-Tribunal innota illi kien hemm diversi korrispondenzi bejn l-attur u l-uffiċċju tal-Prim Ministru, fosthom fejn tela´ jixhed ukoll Mario Cutajar li kien is-Segretarju Permanenti Ewlieni b´dan illi pero´ l-ebda korrispondenza ma hi legali b´mod illi twaqqaf il-preskrizzjoni iżda huma biss korrispondenzi. Il-Liġi tipprovdi mezzi uffiċċjali kif tali preskrizzjoni titwaqqaf milli tkompli tiddekorri u sempliċiment korrispondenzi b´emails ma hix waħda minnhom. Fil-fatt, Kap. 16 jgħid espressament kif twaqqaf il-preskrizzjoni u l-korrispondenza mhix waħda minn dawn. Ukoll, S.L. 12.12 jagħti definizzjoni ta´ att ġudizzjarju li jista´ jwaqqaf il-preskrizzjoni. Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi huwa minnu illi liġi sussidjarja trid tkun interpretata fl-ambitu tal-Att ewlini illi taħtu tkun saret il-liġi sussidjarja, kemm il-Kap. 12 kif ukoll l-Kap. 16 jirregolaw ic-ċivil, fejn il-Kap. 12 jitkellem fuq il-proċedura u l-Kap. 16 jitkellem fuq is-sustanza, b´dan illi t-tnejn li huma wkoll jitkellmu fuq l-istess prinċipju; il-preskrizzjoni b´dan illi l-liġi sussidjarja 12.12 tista´ tkun applikata f´termini ta´ definizzjonijiet għall-Kodiċi Ċivili. Fil-fatt l-attur jaf b´dan kollu tant illi fid-

[3] Ara Antoinette Vella v. CareMalta Limited (C 28382), Qorti tal-Appell, Rikors Numru 586/12

29 t´April 2019 ippreżenta ittra ġudizzjarja fil-Prim Awlta tal-Qorti Ċivili (a fol. 75 tat-talba 210/2019). Biss pero´ tali ittra ġudizzjarja ma kinitx ippreżentata fit-terminu addattat sabiex twaqqaf il-preskrizzjoni milli tkompli tiddekorri. Għal kull buon fini, dan it-Tribunal qiegħed ukoll jiċċara illi kumpens ma jikklassifikax bħala dejn.

Ukoll, saret referenza mill-attur illi rrefera l-każ tiegħu lill-Ombudsman fit-13 ta´ Marzu 2017 fejn l-Ombudsman ikkonkluda r-rapport tiegħu fid-9 t´Awwissu 2017 (a fol. 65 tat-talba 210/2019). Biss pero´wkoll iktar minn sentejn kienu ddekorrew mid-data ta´ dan it-tali rapport u d-data meta l-attur fetaħ din l-azzjoni quddiem dan it-Tribunal, apparti li tali rapport ma jwaqqafx il-preskrizzjoni milli tkompli tiddekorri.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attur. L-ispejjeż gudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-attur.

**Avv. Ilona Schembri**
Gudikatur